



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-415/21

Banca Popolare di Bari SpA

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla Estiża) tal-20 ta' Diċembru 2023

“Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Għajjnuna mill-Istat – Għajjnuna mogħtija mill-awtoritajiet Taljani lil Banca Tercas – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern – Preskrizzjoni – Dannu kontinwu – Inammissibbiltà parzjali – Ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi – Rabta kawżali”

1. *Rikors għad-danni – Terminu ta' preskrizzjoni – Bidu tad-dekorrenza – Dannu kontinwu – Interruzzjoni tal-preskrizzjoni – Preskrizzjoni li tapplika għall-perijodu preċedenti ta' iktar minn ħames snin mid-data tal-att li jinterrompi l-perjodu ta' preskrizzjoni (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340(2) TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 46 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53)*

(ara l-punti 28 sa 54, 67)

2. *Rikors għad-danni – Terminu ta' preskrizzjoni – Bidu tad-dekorrenza – Dannu mhux kontinwu – Data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni – Data li fiha deheru l-effetti negattivi tal-att fir-rigward tal-persuna kkonċernata (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340(2) TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 46 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53)*

(ara l-punti 57 sa 66)

3. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Kundizzjonijiet – Illegalità – Dannu – Rabta kawżali – Kundizzjonijiet kumulattivi – Assenza ta' waħda mill-kundizzjonijiet – Ċaħda tar-rikors għad-danni kollu kemm hu (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE)*

(ara l-punti 70 sa 72)

4. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Kundizzjonijiet – Illegalità – Ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi – Dispożizzjoni legali li tagħti*

drittijiet lill-individwi – Kunċett – Artikolu 107(1) TFUE – Inklużjoni – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Inklużjoni (Artikoli 107(1), 108(3) u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41)

(ara l-punti 75, 80 sa 100)

5. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Kundizzjonijiet – Illegalità – Ksur sufficjement serju tad-dritt tal-Unjoni – Rekwiżit ta' nuqqas ta' osservanza manifest u gravi, mill-istituzzjonijiet, tal-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tagħhom – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata b'mod żbaljat l-eżistenza ta' għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha – Kuntest ġuridiku u fattwali partikolarment kumpless – Assenza ta' ksur sufficjement serju (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE)*

(ara l-punti 103 sa 125)

6. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Kundizzjonijiet – Rabta kawżali – Oneru tal-prova – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata b'mod żbaljat l-eżistenza ta' għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha – Danni li jirriżultaw minn telf ta' fiduċja tal-klijentela tal-impriża li bbenefikat mill-għajjnuna – Telf ta' fiduċja kkaġunata minn numru ta' fatturi – Assenza ta' rabta kawżali diretta bejn id-danni allegati u l-aġir tal-Kummissjoni (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE)*

(ara l-punti 132 sa 153, 155 sa 161)

Sunt

Fl-2013, il-Bank Taljan Banca Popolare di Bari SpA (BPB) kien esprima l-interess tiegħu għas-sottoskrizzjoni għal żieda fil-kapital ta' bank Taljan ieħor, Banca Tercas (iktar 'il quddiem "Tercas"), imqiegħed taħt amministrazzjoni straordinarja sa mill-2012. Din il-manifestazzjoni ta' interess kienet, madankollu, suġġetta għar-rekwiżit li d-defiċit ta' kapital ta' Tercas ikun kopert kollu mill-Fond Interbankarju għall-Ħarsien tad-Depożiti, (iktar 'il quddiem il-"FITD").

Fl-2014, bl-approvazzjoni tal-bank ċentrali tar-Repubblika Taljana, il-FITD intervjena favur Tercas billi kopra l-ekwità negattiva tiegħu u billi tah żewġ garanziji. Sussegwentement, BPB issottoskriviet għal żewġ żidiet fil-kapital ta' Tercas.

Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Diċembru 2015¹ (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni Tercas"), il-Kummissjoni Ewropea qieset li l-intervent imsemmi iktar 'il fuq tal-FITD favur Tercas, li l-assi kollha tiegħu kienu miżmuma kompletament minn BPB sa mill-1 ta' Ottubru 2014, kien jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, li kellha tiġi rkuprata mingħand il-benefiċjarju tagħha mir-Repubblika Taljana.

¹ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1208 tat-23 ta' Diċembru 2015 dwar l-għajjnuna mill-Istat ISA.39451 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Italja favur Banca Tercas (ĠU 2016, L 203, p. 1).

Madankollu, permezz ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2019², ikkonfermata fl-appell³, id-deċiżjoni Tercas ġiet annullata minħabba ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE.

Permezz ta' ittra tat-28 ta' April 2021, BPB talbet lill-Kummissjoni kumpens għad-danni allegatament subiti minħabba d-deċiżjoni Tercas billi qieset dan id-dannu fl-ammont ta' EUR 228 miljun. Peress li l-Kummissjoni ċaħdet din it-talba, BPB ippreżentat rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE.

Insostenn ta' dan ir-rikors, BPB issostni li d-deċiżjoni Tercas ikkaġunat deterjorament tal-fiduċja tal-klijentela fir-rigward tagħha, fatt li kkawża telf ta' depożiti u ta' klijentela (*lucrum cessans*), ħsara għar-reputazzjoni tagħha (dannu morali) kif ukoll spejjeż għall-miżuri ta' mitigazzjoni tal-effetti negattivi tal-imsemmija deċiżjoni (dannu reali).

Filwaqt li ċaħdet dan ir-rikors, il-Qorti Ġenerali tippreċiża l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni minħabba applikazzjoni żbaljata, mill-Kummissjoni, tar-regoli fil-qasam tal-għajjuna mill-Istat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Peress li l-Kummissjoni invokat l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin previst mill-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem l-“Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja”) għall-preżentata ta' azzjonijiet kontra l-Unjoni fil-qasam tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali⁴, il-Qorti Ġenerali tfakkar li dan it-terminu jibda jiddekorri biss mill-mument li fih ikun seħħ effettivament id-dannu li għandu jiġi kkumpensat.

Filwaqt li rrilevat li t-talba għal kumpens indirizzata permezz ta' ittra tat-28 ta' April 2021 lill-Kummissjoni tikkostitwixxi att li jinterrompi l-preskrizzjoni, il-Qorti Ġenerali tenfasizza, barra minn hekk, li, fil-każ ta' dannu kontinwu, il-preskrizzjoni tapplika għall-perijodu preċedenti ta' iktar minn ħames snin fid-data tal-att li jinterrompi l-preskrizzjoni, mingħajr ma taffettwa d-drittijiet maħluqa matul perijodi sussegwenti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tippreċiża li l-allegati danni materjali li jirriżultaw kemm mit-telf ta' depożiti diretti kif ukoll mit-telf ta' klijentela minn BPB huma ta' natura kontinwa peress li akkumulaw u ġġeddu sa mill-adozzjoni tad-deċiżjoni Tercas. L-allegat dannu morali li jirriżulta mill-ħsara għar-reputazzjoni ta' BPB huwa, huwa wkoll, ta' natura kontinwa, sa fejn dan id-dannu joriġina mid-deċiżjoni Tercas, li, inizjalment, ġiet adottata u reża pubblika permezz ta' stqarrija għall-istampa u li, sussegwentement, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Minn dan isegwi li t-talba għad-danni ta' BPB ma hijiex preskritta sa fejn hija intiża għall-kumpens għad-danni li jirriżultaw mit-telf ta' depożiti diretti u ta' klijentela u mill-ħsara għar-reputazzjoni tagħha, subiti wara t-28 ta' April 2016, jiġifieri matul il-perijodu ta' inqas minn ħames snin qabel it-talba għal kumpens tat-28 ta' April 2021.

² Sentenza tad-19 ta' Marzu 2019, L-Italja *et vs* l-Kummissjoni (T-98/16, T-196/16 u T-198/16. EU:T:2019:167).

³ Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, l-Kummissjoni *vs* L-Italja *et* (C-425/19 P, EU:C:2021:154).

⁴ Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 46 tal-istess statut huwa applikabbli għall-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Fir-rigward tal-allegat dannu reali li jikkonsisti fi spejjeż addizzjonali sostnuti minn BPB minħabba miżuri ta' mitigazzjoni tal-effetti negattivi tad-deċiżjoni Tercas, il-Qorti Ġenerali twarrab in-natura kontinwa ta' diversi danni allegati f'dan ir-rigward, peress li dawn effettivament seħħew f'data preċiża u l-ammonti tagħhom ma żdidux b'mod proporzjonali għaż-żmien li għadda.

Dwar il-mertu, il-Qorti Ġenerali tfakkar, preliminarjament, li l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni jippreżupponi li jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri l-ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi, ir-realtà tad-dannu kif ukoll l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn il-ksur u d-dannu mġarrab.

Fir-rigward tal-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, il-Qorti Ġenerali tirrileva, minn naħa, li l-iżball fl-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE mwettaq mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni Tercas jikkostitwixxi ksur ta' regola li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi, bħal BPB. Fil-fatt, sa fejn jipprovdi definizzjoni tal-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern sabiex tiġi ggarantita kompetizzjoni leali bejn l-impriżi tal-Istati Membri, l-Artikolu 107(1) TFUE huwa intiż li jipproteġi l-interessi tal-individwi u b'mod partikolari tal-impriżi. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-kunċett ta' għajjnuna msemmi fl-Artikolu 107(1) TFUE hija strettament marbuta mal-applikazzjoni tal-Artikolu 108(3) TFUE, li jistabbilixxi l-obbligu ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' għajjnuna u l-projbizzjoni li dawn jiġu implimentati qabel il-konklużjoni tal-proċedura ta' kontroll minn qabel mill-Kummissjoni. Peress li din l-aħħar dispożizzjoni għandha effett dirett, hija tista' tiġi invokata mill-individwi sabiex jinvokaw id-drittijiet tagħhom li jirriżultaw mill-applikazzjoni tagħha. Issa, huwa għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' għajjnuna, previst fl-Artikolu 107(1) TFUE, li l-Artikolu 108 TFUE jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-għajjnuna mill-Istat mas-suq intern. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE mill-Kummissjoni tista' tiġi kkontestata quddiem il-qrati tal-Unjoni mill-benefiċjarji tal-għajjnuna, mill-kompetituri tagħhom kif ukoll mill-Istati Membri.

Fir-rigward tal-eżistenza ta' ksur suffiċjentement kkaratterizzat, il-Qorti Ġenerali tindika, min-naħa l-oħra, li l-ġurisprudenza tiegħu b'mod partikolari inkunsiderazzjoni l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet li għandhom jiġu rregolati, id-diffikultajiet ta' applikazzjoni jew interpretazzjoni tat-testijiet u b'mod iktar partikolari, il-marġni ta' diskrezzjoni li għandu l-awtur tal-att inkwistjoni. Meta l-istituzzjoni kkonċernata jkollha setgħa diskrezzjonali wiesgħa, il-kriterju deċiżiv sabiex jiġi stabbilit tali ksur huwa dak tal-ksur manifest u gravi, minn din l-istituzzjoni, tal-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tagħha.

Fid-dawl ta' dawn il-kriterji, il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE mwettaq mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni Tercas, minkejja li ġie kkonstatat fis-sentenzi tal-Qorti Ġenerali u tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma huwiex awtomatikament ikkaratterizzat b'mod suffiċjenti minn dan il-fatt. Filwaqt li fakkret li l-iżball imwettaq mill-Kummissjoni kien jikkonċerna l-analiżi tal-elementi użati sabiex jiġi stabbilit l-involvement tal-awtoritajiet pubbliċi Taljani fl-intervent tal-FITD, il-Qorti Ġenerali tenfasizza, barra minn hekk, li l-Kummissjoni kellha tapplika l-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE f'kuntest legali u fattwali partikolarment kumpless. Issa, il-fatt li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet b'mod suffiċjenti fid-dritt l-imputabbiltà tal-intervent tal-FITD lill-Istat ma huwiex suffiċjenti sabiex dan l-iżball jiġi kklassifikat bħala ksur manifest u serju tal-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma wettqitx ksur suffiċjentement serju fir-rigward tal-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali teżamina l-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn il-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE mill-Kummissjoni u d-dannu allegat minn BPB. F'dan ir-rigward, hija tirrileva li, anki jekk id-deċizzjoni Tercas seta' kellha ċertu rwol fil-proċess ta' telf tal-fiduċja tal-klijentela ta' BPB, dan it-telf ġie kkawżat ukoll minn fatturi oħra, b'tali mod li l-imsemmija deċizzjoni ma tistax titqies li hija l-kawża determinanti u diretta tad-dannu allegat. Għaldaqstant, BPB ma stabbilixxietx l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir allegatament illegali tal-Kummissjoni u d-dannu allegat.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li, għal dak li jikkonċerna d-danni mhux preskritti li BPB titlob il-kumpens tagħhom, il-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni dwar l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju, minn naħa, u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir ikkritikat u d-dannu invokat, min-naħa l-oħra, ma humiex issodisfatti.

Konsegwentement, ir-rikors ta' BPB huwa miċħud mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni relattiva għar-realtà tad-dannu.